


# Imniedi sit ġdid għall-Ħal Far Model Flying Association



Illum infetaħ uffiċjalment sit ġdid ta' *Ħal Far Model Flying Association* mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport Chris Agius fil-preżenza tal-President tal-Assoċjazzjoni Arthur Napier fost oħrajn.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Agius spjega l-intoppi li ltaqgħu magħhom fil-mixja sabiex l-Assoċjazzjoni tingħata dan is-sit minn fejn tista' topera. Fil-fatt l-akbar ostaklu kien dak li l-art tinsab f'żona industrijali. Huwa qal li b'rieda tajba minn diversi partijiet intlaħaq ftehim b'sodisfazzjoni kbir għan-numru ta' dilettanti fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Semma wkoll li fl-isport ma għandhiex tidħol il-politika u li l-ġurnata tal-lum tixhed eżattament dan. Huwa kompla jgħid li qiegħed jipprova jgħin sabiex jintlaħqu t-talbiet kbar li qed isiru minn diversi assoċjazzjonijiet, għalkemm dan ma jkunx dejjem possibli.

Il-President tal-Assoċjazzjoni Arthur Napier semma l-importanza tal-MoU li kien iffirmat ma' SportMalta.  Kif tistgħu anke ssegwu fil-filmat, Napier esprima s-sodisfazzjon li l-Assoċjazzjoni waslet s'hawn.

Pierre Bonello, is-Segretarju tal-Assoċjazzjoni fisser din il-ġurnata bħala waħda storika li biha l-Assoċjazzjoni reġgħet ingħaqdet u ssaħħet.  Huwa sostna li kien importanti li l-i*stakeholders* bħal Malta Enterprise kienu involuti sa mill-bidu nett u llkoll ġibdu habel wieħed.

Indirizzaw lil dawk preżenti wkoll George Borg Marks, id-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili,  Dr Lucianno Busuttil, *Chairman* ta' SportMalta u David Agius il-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-isport.



Uncategorized



JANICE BARTOLO
16 hours ago    0 Comments